

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

10.3.2008

0021/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Herbert Bösch, Harald Ettl, Stephen Hughes, André Brie, Othmar Karas

kontra metodi inumani ta' ssensjar ta' ħaddiema mill-grupp ta' kumpaniji
Żvizzeru Novartis

Data ta' skadenza: 19.6.2008

0021/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub kontra metodi inumani ta' ssensjar ta' ħaddiema mill-grupp ta' kumpaniji Żvizzeru Novartis

Il-Parlament Ewropew,

- wara li, ftit qabel il-Milied, 250 impjegat ta' l-Institute for Biomedical Research Novartis GmbH & Co KG fi Vjenna saru jafu permezz ta' messaġġ fuq video li l-impjant tagħhom kien se jingħalaq, u mingħajr konsultazzjoni u informazzjoni minn qabel,
 - wara li d-direttur ta' l-impjant lokali kkummenta l-aħbar bil-kelmiet: "That's it",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-Direttiva 94/45/KEE tobbliga lill-impriżi bħal, f'dan il-każ, Novartis, li jikkonsultaw u jinfurmaw lill-impjegati tagħhom, fi żmien xieraq, b'mod xieraq u bir-rispett meħtieġ, dwar miżuri possibbli ta' ristrutturar jew, bħal fil-każ imsemmi, għeluq ta' impjant,
- B. billi n-nuqqas ta' osservazzjoni ta' dritt fundamentali Ewropew stabbilit, li persuna tiġi infurmata u kkonsultata fi żmien xieraq, jirrappreżenta ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,
- C. billi f'Mejju 2007 ntalbet azzjoni immedjata tal-Kummissjoni ta' l-UE biex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva ta' l-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati (KE) 2002/14 fl-Istati Membri ta' l-UE u biex isir progress fir-reviżjoni tad-Direttiva EWC,
1. Jikkundanna din il-proċedura bħala inkompatibbli ma' Ewropa soċjali;
 2. Jitlob lill-Novartis biex, fuq din il-bażi, tagħti assigurazzjoni li l-impjanti ma jingħalqux jew ma jiġux imċaqalqa minn post għal ieħor mingħajr ma tingħata informazzjoni komprensiva u mingħajr ma ssir konsultazzjoni serja ma' rappreżentanti tal-ħaddiema u l-għaqdiet tagħhom; barra minn hekk, jitlob lill-amministrazzjoni tal-grupp ta' kumpaniji Novartis biex tikkunsidra x'impatt se jkollu dan l-istrutturar għall-UE sħiħa bħala post ta' riċerka;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.